KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

15 ta' Novembru 2010

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tad-Disgha u Erbghin (49) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah id-Disgha u Erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2010 fis-5.45pm.**

Id-disgha u erbghin (49) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Gunju 2010
6. Rizoluzzjoni Specjali: Is-sejha tal-offerti dwar *Resurfacing* u *Patching*
7. Kuntratt tal-Kiri tal-gabbana fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
8. Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna
9. Id-dawl ta' Gnien Vilhena
10. Ghazla tal-offerti: Rijabilitazzjoni tas-Sala tal-Komunita' f'Dar il-Kunsill Lokali
11. Lejliet l-Ewwel tas-Sena
12. Gheluq/Qsari fi Triq l-Isqof Mauro Caruana
13. L-impjieg ta' skrivan/a – Events Coordinator
14. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
15. Ħwejjeg Oħra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Ghad-Disgha u Erbghin (49) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**

**Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda wara materja nru. 2.1.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tmienja u erbghin (48) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel referenza ghall-attivita' ta' “Genna ta' gonna... u hafna aktar!” li kienet giet organizzata il-jum ta' qabel u filwaqt li rringrazzja lil kull min ta sehmu, zied jghid li din l-attivita' halliet hafna gid u li kompliet izzid l-gharfien dwar it-tezori mohbija li jinsabu fil-lokalita' ta' Floriana. Huwa kompla jghid li ghalkemm din l-attivita' kienet success, ma kienx hemm pubblicita' bizzejjed tant li hafna qalu li ma kienux jafu biha.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Sur Martin Galea wera' interess biex jifforma parti mis-sotto-kumitati ta' Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u ta' “Genna ta' gonna... u hafna aktar!”. Il-Kunsill approva lis-Sur Galea bhala membru gdid ta' dawn is-sotto-kumitati.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill sinjal ta' direzzjoni lejn il-Valletta Waterfront Cruise passenger terminal. Il-Kunsill approva dan is-sinjal li ghandu jitwahhal fil-punti ta' hrug tal-Floriana kif ukoll fi Pjazza Sir Luigi Preziosi.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill jitlob parir minghand l-avukat tal-Kunsill dwar jekk il-Valletta Waterfront hijiex ikkunsidrata bhala territorju pubbliku jew zona privata. Il-Kunsill approva.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Transport Malta fejn informaw lill-Kunsill li l-ispazji ta’ parkegg riservati ghad-dizabbli huma strettament ghall-uzu personali tal-applikant biss. Il-Kunsill qabel li ghandu jhalli f'idejn ir-residenti li ghandhom parkegg riservat ghad-dizabbli biex jekk jixtiequ, japplikaw biex ikollom in-*number plate* mizbugh fuq ir-*reserved bay* sabiex dan l-ispazju jkun specifikament ghall-vettura tal-applikant biss.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Transport Malta fejn issuggerew li l-Kunsill jaghmel *Communal Blue Sticker Badge Holders only parking bay* fi Triq San Frangisk k/m Triq Pietro Floriani. Il-Kunsill approva.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand G.M. Productions fejn offrew lill-Kunsill jaghti l-kontribut tieghu fil-kuntest ta’ Miss Malta billi jixtri kuruna ghal kontestanta Miss Floriana, total ta' €66. Il-Kunsill approva.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn talbu permess biex issir katina tul l-ispazji ta' parkegg riservat li ghandhom quddiem l-ufficcju. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jaghti permess biex issir din il-katina u filwaqt li ghandu jinforma lid-Dipartiment b'din id-decizjoni, ghandu wkoll jinformah li l-Kunsill qieghed jirrevedi d-dritt ghall-parkegg riservat li ghandhom quddiem id-Dipartiment governattivi.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jerga' jikteb lill-Kummissarju sabiex jitlob laqgha mieghu rigward it-tabelli ta' parkegg li hemm quddiem id-Depot. Il-Kunsill qabel.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici kienet talbet li jkun hemm devjazzjoni ta' traffiku minn Harper Lane biex sakemm idum ix-xoghol fuq il-linear accelerator fl-isptar Sir Paul Boffa, il-karozzi jghaddu min-naha l-ohra. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-Fondazzjoni biex jevalwa ahjar is-sitwazzjoni.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand l-Isptar Sir Paul Boffa li talbu parkegg riservat ghal ambulanza stand-by li ser jibda' jkun hemm magenb l-isptar. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformahom li l-lokalita' ma taffordjax titlef aktar spazji ta' parkegg u ghalhekk jissuggerixxi li l-ambulanza ghandha jkollha parkegg riservat f'wiehed mill-ispazji li ghandhom il-Primary Health Department.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand The Grand Harbour Regeneration Corporation plc fejn laqghu it-talba tal-Kunsill biex issir laqgha maghhom.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. Nursery fejn offrew lill-Kunsill biex it-tournament li s-soltu jigi jorganizzaw ghall-habta tal-Milied jerga' jigi organizzat konguntament mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jkun lest itella' l-attivita' konguntament maghhom u li l-allokazzjoni m'ghandhiex taqbez l-ispiza tas-sena l-ohra.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isir riceviment fiz-zjara tas-Sindku ta' Macerata. Il-Kunsill approva peress li riceviment simili huma skond il-memo li kien hareg id-dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. Nursery fejn offrew lill-Kunsill jiehu hsieb il-party tal-Milied konguntament maghhom. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li dan mhux permess peress li dawn huwa meqjus bhala riceviment. Il-Kunsill qabel fil-principju li ghandu joffri rigal zghir ta' mhux aktar minn €3.50 lil kull tifel, sa massimu ta' €500.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kont minghand 22nd January Confectionary ghal snacks li inghataw matul iz-zjara tal-banda ta' Kercem f'Malta. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jhallas dan il-kont minhabba restrizzjonijiet fil-ligi.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment rigward hmieg li thalla fi Triq San Publju ghal aktar minn hamest ijiem. Ghalhekk, is-Sindku ppropona li l-kuntrattur ghandu jehel multa ta' €23.29 ghal dan in-nuqqas lill-kuntrattur tal-tindif ta' toroq. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni li l-latrini tal-Bombi kienu ghadhom miftuhin sa tard bil-lejl is-Sibt 23 ta' Ottubru 2010. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ziedet tghid li dawn il-latrini kienu baqghu miftuhin anke s-Sibt ta' qabel, 16 ta' Ottubru 2010. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur ghandu jitwahhal multa ta' €46.58 ghal dawn in-nuqqasijiet.

2.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex ghar-ricevimenti tal-Kunsill Lokali, il-politici mistiednin ghandhom ikunu biss id-deputati tad-distrett, il-ministru tal-kunsilli lokali u f'kaz li jkollu aggunt mieghu, is-segretarju parlamentari u l-kelliemi ghall-oppozizzjoni ghall-kunsilli lokali, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, ET, FD)

Kontra: 2 (VB, SSH)

Il-Kunsilliera Vincent Borg u Sandra Sammut Hili sahqu li huma ivvutaw kontra peress li fl-opinjoni taghhom ladarba qed jigi mistieden il-Prim Ministru u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali, ghandhom jigu mistiedna l-Kap tal-Oppozizzjoni u l-kelliem ghall-oppozizzjoni ghall-Gvern Lokali.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-Floriana F.C. talbu li l-bust ta' 25 sena jghaddi f'idejhom biex jitqieghed fil-kazin-il gdid taghhom. Huma offrew ukoll lill-Kunsill biex jghin fl-irhama ta' dan il-bust. Il-Kunsill sostna li l-monument mhuwiex tal-Kunsill u ghaldaqstant il-klabb tal-futbol ghandu javvicina lis-sid tal-monument. Filwaqt fir-rigward tal-irhama, il-Kunsill ma jistax jilqa' t-talba peress li legalment il-Kunsill ma jistax jixtri assi li mhumiex ghall-uzu pubbliku.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **44-05 A,B,C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9032 sa 9051.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Franco Davies, ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8960 sa 9051, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

4.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni l-iskeda ta' xiri permezz ta' memos. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet, ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-memos, indikati bhala 390/05 sa 406/05 bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 5.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Gunju 2010

5.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv iressaq ir-rapport finanzjarju ghall-perjodu sat-30 ta' Gunju 2010, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill li gie iccirkolat mal-avviz tal-laqgha.

5.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (N.H SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 6.0 Rizoluzzjoni Specjali: Is-sejha tal-offerti dwar *Resurfacing* u *Patching*

6.1 Is-Sindku Nigel Holland propona rizoluzzjoni specjali dan minhabba li kienet saret kontestazzjoni fuq l-ghazla tat-tenders ta' nhar l-4 t'Awwissu 2010. Huwa propona li l-kuntratt ghandu jigi moghti lill-orhos offerta' jigifieri lil Road Surfacing Ltd. fuq parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jhoss li ma kienx hemm bazi valida ghall-ghazla tal-Kunsill biex ma jaghzilx l-orhos offerta.

6.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur din ir-rizoluzzjoni specjali u l-ghazla tal-kuntrattur Road Surfacing Ltd., bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 7.0 Kuntratt tal-Kiri tal-gabbana fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

7.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn xi persuni interessati fil-kirja ta' din il-gabbana li urew id-dizapprovazzjoni taghhom rigward l-ghazla tal-Kunsill li jaghti r-*right of first refusal* lill-kuntrattur prezenti.

7.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jitolb parir fuq jekk l-introduzzjoni tar-right of first refusal fis-sejha li jmiss hijiex etikament korretta jew le.

## 8.0 Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna

8.1 Is-Sindku Nigel Holland spjega li l-Kunsill kien hareg sejha ghall-offerti li kienet inghatat lis-Socjeta Filarmonika Vilhena biex jaghmlu it-tizjin tal-milied fi Triq Sant'Anna.

8.2 Il-Kunsill qqbel nem.con li ghandu jikteb formalment lis-Socejta Filarmonika Vilhena u jfakkar li skond il-kuntratt, it-tizjin kellu jkun lest sal-15 ta' Novembru 2010. F'kaz li jonqsu milli jaghmlu dan, il-Kunsill ghandu jwahhal il-penali skond il-kuntratt.

## 9.0 Id-dawl ta’ Gnien Vilhena

9.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghas-sitwazzjoni tad-dawl ta' Gnien Vilhena u kompla jghid li dan id-dawl kien ilu z-zmien ikun ta' problema u ghalhekk ihoss li kien wasal iz-zmien li din is-sitwazzjoni tinbidel u li jsir xi haga biex dan id-dawl jitranga.

9.2 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu johrog sejha ghal inginier biex jevalwa l-problema u johloq abbozz ta' *tender* li jinkludi x'hemm bzonn isir u li dan it-tender jinhareg mill-aktar fis possibli.

9.3 Il-Kunsill qabel ukoll nem.con biex tinhareg sejha ghall-offerti biex jinxtraw l-globi tal-fanali ta' Pjazza Robert Samut.

## 10.0 Ghazla tal-offerti: Rijabilitazzjoni tas-Sala tal-Komunita’ f’Dar il-Kunsill Lokali

10.1 Is-Sindku Nigel Holland prezenta r-rapport tal-Perit Joe Bugeja dwar il-kuntratturi li kienu tefghu l-offerta' taghhom ghal dan il-progett.

10.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-perit jikkjarifika l-ahhar paragrafu ta' dan ir-rapport u sadanittant, ghandu jitolbu jikkuntattja lit-tenderers biex jipprovdu l-informazzjoni rikjesti kif imsemmija f’materja nru. 2 u materja nru. 6 ta’ dan ir-rapport.

## 11.0 Lejliet l-Ewwel tas-Sena

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-kumpanija *Where's everybody?* kienet irtirat il-proposta taghha li tiehu sehem fl-organizzazzjoni tal-attivita' Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li kien gie avvicinat mill-Awtorita’ Maltija dwar it-Turizmu peress li l-Kunsill tal-Belt Valletta wkoll ser itella' attivita' f'lejliet l-ewwel tas-sena. Fil-laqgha kien gie ppropost biex iz-zewg attivitajiet jigu organizzati konguntament f'attivita' wahda izda hadd ma hareg kif dan jista’ jsir.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li kien kiteb ittra lill-Prim Ministru li fiha ddegrada l-attitudni tal-Kunsill tal-Belt u sostna li jhoss li l-Gvern m’ghandux jappoggja lill-attivita’ organizzata mill-Kunsill Lokali Valletta, ladarba kien il-Kunsill Lokali Floriana li tella' din l-attivita' ghall-ewwel darba.

11.4 Is-Sindku kompla jghid li minhabba li l-permess tal-Pulizija kien ghadu ma harigx, kellha ssir insistenza biex dan jinhareg mill-aktar fis halli jigi evitat dak li nqala' s-sena l-ohra.

11.5 Il-Kunsill Lokali iddecieda nem.con biex isejjah Konferenza Stampa halli jhabbar li l-Kunsill Lokali Floriana ser jerga’ jorganizza l-attivita’ tac-celebrazzjonijiet nazzjonali ta’ Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant’Anna ghat-tieni darba.

## 12.0 Gheluq/Qsari fi Triq l-Isqof Mauro Caruana

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kellu ilment minghand resident li hass li l-gheluq ta' din it-triq qed tkun t'inkonvenjent ghal certu nies specjalment nisa bil-pushchairs minhabba l-qsari li qed ikun hemm fuq il-bankini.

12.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili sostniet li jekk jitnehhew il-qsari, xorta ma jibqax access ghall-pushchairs peress li l-bankina hija dejqa hafna. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili kompliet, li l-Kunsill kien iddiecieda biex parti minn din it-triq, bejn Triq is-Suq u Triq il-Miratur, tigi maghluqa ghall-pedestrians u tinghata kopja tac-cavetta tal-bollards lir-residenti ta' dik it-triq biex ikollhom access f'emergenzi jew biex ihottu xi affarijiet ghar-residenzi taghhom.

12.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland biex tigi revokata d-decizjoni tal-Kunsill li tinghalaq parti minn Triq l-Isqof Mauro Caruana, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH, ET)
Kontra: 3 (FD, VB, SSH)

12.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq kontro-mozzjoni biex it-Triq l-Isqof Mauro Caruana kollha ssir zona pedonali, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (FD, VB)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 1 (SSH)

12.5 Ghaldaqstanta, la l-mozzjoni u lanqas il-kontra-mozzjoni ma gew approvati, tibqa' in vigore id-decizjoni tal-Kunsill sabiex parti minn Triq l-Isqof Maura Caruana, bejn Triq il-Miratur u Triq is-Suq, tkun pedonali u r-residenti jkollhom access liberu billi jinghataw kopja tac-cavetta tal-bollards.

## 13.0 L-impjieg ta' skrivan/a – Events Coordinator

13.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-impjegata Silvyanne Zammit Bondin tat in-*notice* lill-Kunsill u ghalhekk huwa ppropona li fid-dawl ta' dan, jipproponi li l-Kunsill jirtira l-vakanza ta' Part-Time Events Co-ordinator u minflok jahtar Full-Time Corporate and Events Support Officer.

13.2 Il-Kunsill approva nem.con li ghandhom jintalbu l-permessi necessarji biex tkun tista' tinhareg sejha ghall-full-timer mill-aktar fis possibli.

## 14.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

14.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-koorindatur ta' dan il-Festival tas-snin precedenti, Leon Promotions kien informa lill-Kunsill li kien ser ikollu jzid fl-ispiza minhabba li l-ispejjez kienu gholew mill-ahhar kwotazzjoni.

14.2 Il-Kunsill ghalhekk qabel nem.con li ghandu jitlob kwotazzjoni lill-koordinatur u

f'kaz li tin taqbez is-somma stipulata fir-regolementi finanazjarji fir-rigward ta' direct orders, il-Kunsill ikollu johrog sejha ghall-kwotazzonijiet.

## 15.0 Hwejjeg ohra

15.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies ippropona li minhabba li kien hemm xi individwi li kienu qed juzaw l-ilma tal-funtana tat-torri ta' Wignacourt ghal uzu ta' hasil ta' vetturi, il-Kunsill ghandu jwahhal tabella li tindika li l-ilma qieghed ghax-xorb biss u ghall-ebda uzu iehor. Il-Kunsill qabel fil-principju.

15.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies ippropona li l-Kunsill jirranga speed bump li hemm fi Triq San Frangisk minhabba li peress li din ma kenitx twila l-wisgha tat-triq kollha, hafna vetturi kienu qed jghaddu minn madwarha flok minn fuqha. Il-Kunsill ma qabilx li ghandha tinbidel minhabba li din kienet qeghda ezatt skond l-ispecifikazzjonijiet provduti minn Transport Malta.

15.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn residenta li offriet li tipprovdi zewg gazebos bla hlas ghall-cat cafes biex jitpoggew hdejn it-tarag tal-isptar Boffa. Il-Kunsill qabel.

15.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jaghti permess residenzjali specjali lil persuna wahda minn kull ghaqda furjaniza minhabba li hafna membri tal-ghaqdiet jigu jaghmlu xoghol volontarju filghodu kmieni u jsibu diffikulta' jipparkjaw minhabba l-iskema ta' parkegg residenzjali. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

15.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn xi residenti li lmentaw dwar il-bankina ta' Triq San Frangisk minhabba li l-art taghha kienet swiedet. Il-Kunsilliera Sammut Hili proponiet li din ghandha tinzeba'. Is-Sindku Nigel Holland spjega li mhuwiex rrakomandat li l-gebla tal-qawwi tigi mizbugha filwaqt li sostna li huwa normali l-gebla tal-qawwi bajdanija tiswied u elenka l-ezempju ta' cangatura simili fil-Belt Valletta li wkoll swiedet minhabba l-elementi. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob il-parir tal-perit dwar possiblitajiet biex din ic-cangatura ma tiswiedx.

15.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fakkret lis-Sindku fil-messagg li ghandu jibghat lill-Greenpak minhabba li dawn kienu ghadhom qed jistennew il-messagg tieghu minhabba l-boroz il-grizi.

15.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li s-central hanging li hemm fi Triq is-Suq k/m Triq l-Imhazen qeghda fi stat perikoluz u ghandha bzonn tinbidel. Il-Kunsill qabel li din ghandha tinbidel u li ghandu jinforma lill-kuntrattur tieghu biex jipprocedi mill-aktar fis.

15.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill *coffee morning* li tixtieq ittella' nhar il-Gimgha 29 ta' Ottubru 2010. Il-Kunsill qabel nem.con.

15.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li jsir planter fi Triq is-Suq quddiem store f'din it-triq minhabba li l-karozzi kienu qed jipparkjaw fuq il-kantina ta' dan l-*istore*, b'konsegwenza li kienet qed issir hsara kontinwa. Il-Kunsill approva.

## 16.0 Aġġornament tal-laqgħa

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 18 ta' Novembru fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.05.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv